MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2887/2002

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Ltd kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alfred Tabone abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Alfred Tabone**

**vs**

**Robert Sultana**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Dicembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u sitta u tmenin lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm486.88) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-assikurat tas-socjeta` attrici Alfred Tabone, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, salv ghal excess ta'**

**hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) imhallas mill-istess Alfred Tabone, bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fl-10 ta’ Novembru, 2001, gewwa Valletta Road, Paola, bejn il-vettura proprjeta` ta’ l-attur Alfred Tabone, bin-numru ta’ registrazzjoni HAT-642 u l-vettura misjuqa mill-konvenut Robert Sultana bin-numru ta’ registrazzjoni ABJ-239, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikurattrici GasanMamo Insurance Agency Ltd. bhala agenti tas-socjeta` estera CGU Insurance p.l.c. u ta’ l-ittra ufficjali datata 19 ta’ Gunju, 2002, u interessi legali mid-data ta’ l-ittra ufficjali datata 19 ta’ Gunju, 2002 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-22 ta’ Jannar, 2003, fejn intqal:**
**i. illi l-ebda ammont ma’ huwa dovut lill-atturi stante li l-incident in kwistjoni ma garax tort u htija tal-konvenut;**
**ii. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta’ Alfred Tabone, Tony Grech, John Tabone u PS 1382 Joseph Agius. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fl-10 ta’ Novembru, 2001, ghall-habta ta’ l-10.30p.m., f’Valletta Road, Paola, bejn il-vettura proprjeta` ta’ l-attur u misjuqa minnu, bin-numru ta’ registrazzjoni HAT-642 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni ABJ-239.**
**2. Skond ma xehed l-attur hu kien qed isuq f’Valletta Road, Marsa, gej mid-direzzjoni tal-Marsa u sejjer fid-direzzjoni ta’ Rahal Gdid. Kien ghadu kemm spicca jdur biex jaqbad Triq Aldo Moro. L-attur jghid li**

**kien miexi fit-tieni karreggjata minn naha tal-bankina, meta f'daqqa sema' "brake" u daqqa, u l-impatt sehh meta kien fid-dawra. Jghid ukoll li l-vettura l-ohra ra l-ewwel darba mal-habta. L-attur ikkalkola li l-velocita` tal-konvenut kienet ta' madwar 40mfs jew 45mfs.**
**3. Din il-versjoni hi bazikament konfermata mix-xhud Tony Grech li kien passiggier fuq wara fil-vettura ta' l-attur. Grech jghid li hassu d-daqqa fuq wara. Fl-istess sens xehed ukoll John Tabone, passiggier fuq quddiem mal-attur. Dan jghid li semghu l-hoss tad-daqqa mal-bibien fuq in-naha tax-xellug.**

**4. Skond ma hemm imnizzel fir-Road Accident Report esibit bhala Dok.JA1, waqt li l-attur kien miexi f'Valletta Road, il-konvenut ipprova manuvra ta' surpass u habat fih.**

**5. Jigi rilevat illi dmir l-attur kien li jhares il-quddiem. Huwa kien miexi fil-karreggjata tieghu, u ma nvadiex il-karreggjata tal-konvenut. Jidher li l-konvenut, ittenta manuvra ta' sorpass minn gewwa, u waqt s-sorpass minhabba li ma kienx bizzejjed attent habat mal-vettura ta' l-attur fuq il-genb taghha fuq il-bibien tax-xellug.**

**6. Id-danni rizultanti mill-kollizzjoni huwa fl-ammont indikat fl-avviz, kif jirrizulta mid-Dok.RM1 sa Dok.RM5.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u wiehed u sittin lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm461.88) u lill-attur is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Gunju, 2002 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikuratrici GasanMamo Insurance Agency Ltd. bhala agenti tas-socjeta` estera CGU Insurance p.l.c. u ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' Gunju, 2002, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------